# Il-Milied fil-Qwiel Maltin

jikteb **Dr Coronato Grech M.D.**

Fil-kultura taghna, il-Milied huwa festa antika hafna li maghha hemm marbuta hafna drawwiet religjuzi u socjali li avolja forsi whud spiccaw baqghalna tifkira taghhom fil-qwiel. Dawn il-qwiel jirriflettu hafna l-interess ta' dawk ta' qabilna. Juru, fost l-ohrajn, osservazzjoni mill-qrib tan-natura u ta' l-istaguni; interess fl-agrikultura, fl-ikel, fil-futur; l-effetti tal-maltemp, tal-kesha, tal-ferh etc, etc ... insomma juru hafna aspetti li (b'xorti tajba) ghadhom jidhru familjari.

Wara z-zriegh u l-hrit tal-Harifa jkun wasal iz-zmien li tingabar l-ghodda '*bejn il-Qala* (Kuncizzjoni) *u l-Milied, erfa' l-mohriet minn halq il-wied*'. Dan ukoll jigri fir-Rebbiegha '*f'April u fil-Milied nehhi l-mohriet mill-wied*'. Ghax sal-Milied ir-raba' jkun mahdum, imsaqqi u qed jikber gmielu tant li '*il-Milied nofs il-hobz u l-Ghid nofs l-inbid*' ghax sal-Milied nofs il-prodotti jkunu lesti u ghall-Ghid d-dwieli jkun kabbru sew. Dari kulhadd kien jinteressah x'ser ikunu l-ucuh tar-raba', x'ser igib it-temp u x'sena gdida gejja '*x'hin jasal il-Milied l-hegga tax-Xitwa tkun diga' bdiet*'.

Dari l-festi tal-qaddisin kien jtuhom importanza, jharsuhom u juzawhom bhala kalendarji (aktarx agrikoli) u huma prominenti fil-qwiel '*f'Santa Katrini* (25 ta' Novembru) *il-Milied jibqaghlu xahar gentili*'.

Mal-Milied ix-Xitwa tkun dahlet sewwa u sikwit maltemp. Il-passa tkun ghaddiet allura '*la jasal il-Milied erfa' xkubettietek fuq il-farxa tal-bieb*'. Il-kesha tibda tinhass sewwa '*fil-Milied iz-ziemel hdejn il-gamra jsahhan wirkieh*' ghax fil-kesha hafna bdiewa gieli kienu jsahhnu l-istalla.

Osservazzjoni daqsxejn kurjuza hija l-konnessjoni bejn it-temp tal-Milied u l-Ghid (Ghidut iktar stramb hu t-tbassir fuq l-irwiegel.) ghax kien mahsub li bnazzi fil-Milied ifisser maltemp fl-Ghid. '*Il-Milied fiz-zina l-Ghid fil-kcina*', u '*Meta l-Milied taht il-bejt, l-Ghid fuq il-bejt*'. Dan kien mahsub li hu tajjeb ghal ucuh tar-raba' ghax '*fil-Milied bil-kappell u l-Ghid*

***bil-mantar, in-nies tiekol tajjeb u l-bhejjem tixtarr ahjar'***. Mid-dehra ma kienx mahsub li dan it-tbassir kien ighodd ghal kontra. Intant, ma hemmx bazi xjentifika ta' dan.

Fuq kollox il-Milied huwa festa ta' ferh, rigali u helu u fejn dari l-helu kien ferm inqas komuni kien ifisser hafna li ***'il-Milied igib il-helu'***. Dan jigi mqassam fost il-hbieb ghax ***'fil-Milied il-lewz naqsmuh mal-bews'***. Dari (u llum) certu tip ta' gewz zghir kien jitqassam lit-tfal li wara li jilaghbu bih kienu jiekluh. F'Ghawdex dan ighidulu lewz tal-Milied . Dan hu zmien ta' ikel iktar tajjeb u daqsxejn iktar mis-soltu u ta' mistrieh iktar ukoll. ***'Meta jasal il-Milied l-omm timla l-platt bil-ftiet u l-missier iqabbad iz-znied*** (pipa)'. Dari lejlet il-Milied kienet tkun gurnata tas-sawm u allura tajjeb li ***'fil-Milied nieklu tlett darbiet'***.

Wara l-Milied ix-Xitwa tibda tiqliel. Ghall-foqra ta' dari li ma kellhomx biex jilqghu ghall-bard dan kien zmien iebes. ***'Mill-Milied 'il fuq iz-zmien jibda jaghti bil-buq*** (trumbetta)'.

Preciz l-ghada tal-Milied hija l-festa ta' San Stiefnu u biex jiddeskrivu zmien qasir hafna gieli jinghad ***'mill-Milied sa San Stiefnu'***.



NIXTIEQU L-MILIED IT-TAJJEB
LILL-QARREJJA KOLLHA
TAL-FULJETT
IL-HBIEB ISEJHU

**Il-Bord Editorjali**